TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 252/16/F

**Rosaria Agius**

**vs**

**CAS Ltd**

Illum 20 t'April, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-27 ta' Diċembru, 2016 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tlett mitt ewro (€300), li ma riditx tħallas sabiex jiġi msewwi l-*airconditioner.*

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżenatant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *airconditioner* għall-prezz ta' disa' mija u sebgħa w għoxrin ewro (€927), u wara ftit kellha xi ħsara li kien irriżulta li kellha xi sadd fid-drain tal-ilma u li marru jsewwuh, pero' wara ftit żmien reġgħet marret part li kienet il-*board* illi sabiex tissewwa kienet tiswa tlett mitt ewro (€300). Filwaqt li r-rikorrenti qegħda tgħid illi l-garanzija hija għal 5 snin fuq *parts & labour*, waqt li s-soċjeta' ntimata kkonkludiet illi l-*board* ma kinitx koperta bil-garanzija ta' 5 snin imma b'perjodu inqas.

It-Tribunal, jinnota illi nqalgħet kwistjoni fuq meta fil-fatt bdiet il-ħsara fil-*board*, filwaqt li r-rikorrenti qed tgħid illi nqalgħet fil-perjodu tal-garanzija, u s-soċjeta' ntimata qed tgħid illi ġiet infurmata wara li għadda l-perjodu tal-garanzija

It-Tribunal, iħoss illi l-part marret waqt il-perjodu ta' garanzija u għalhekk is-soċjeta' ntimata hija dovuta li tħallas.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mitejn ewro (€200), b'dan illi l-bilanċ ta' mitt ewro (€100) tħallashom ir-rikorrenti, u għandha ssir it-tiswija mis-soċjeta' ntimata, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**